Qorti tal-Appelli Kriminali

Hon. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru. 411/2016

Il-Pulizija

SPETTUR Malcolm Bondin

Vs

Jonathan Farrugia

Illum 22 ta' Frar 2019

Il-Qorti

Rat illi l-appellant gie imressaq il-Qorti u akkuzat inter alia fuq akkuzi ta' falsifikazzjoni ta' biljett tal-flus, u reati ohra naxxenti mill-Kapitolu 204 tal-Ligijiet ta' Malta.

Illi b'sentenza moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali nhar it-28 ta' Lulju 2016 huwa instab hati mill-ewwel akkuza u gie liberat minnha u nstab hati tat-tieni, tat-tielet u tar-raba' akkuza u gie kkundannat tmintax-il xahar prigunerija.

Illi huwa hass ruhu aggravat minn din is-sentenza u interpona umli appell nhar it-8 ta' Awwissu 2016 (fol 77).

Illi dan l-appell gie appuntat quddiem din il-Qorti diversament preseduta nhar is-7 ta' Novembru 2017 u dakinhar dehret Dr Angele Vella ghall-Avukat Generali u l-appellant imsejjah tlett darbiet ma dehrx u ghalhekk l-appell gie dikjarat desert.

Illi fl-ati a foll 89 hemm kopja tat-ticket of admission li inhareg mir-Registratur ta' din il-Qorti fejn hemm ordni sabiex l-appellant jigi mizmum il-habs skond sentenza moghtija

fil-21 ta' Novembru 2017, minkejja li t-ticket of admission hi ffirmata 7 ta' Novembru 2017 (fol. 89).

Cio' nonnostante fl-atti jidher li nzammet seduta ohra nhar it-13 ta' Marzu, 2018 (fol. 90) fejn il-Qorti ordnat notifika mill-gdid fil-konfront tal-appellant u l-appell gie differit ghall 31 ta' Ottubru 2016 ghal-kontinwzzjoni.

Illi fil-31 ta' Ottubru 2018 meta isssejjah l-appell il-Qorti ddikjarat li kellha bzonn aktar zmien ghal-prolazzjoni tas-sentenza (minkejja li l-kawza lanqas qatt giet trattata), ordnat in-notifika mil-gdid fil-konfront tal-appellant u iddiferiet il-kawza ghall-15 ta' Jannar, 2019 ghar-rapport (meta rapport ma kellux jigi prezentat).

Illi din il-kawza giet assenjata lil din il-Qorti hekk kif preseduta u l-appell gie appuntat ghall-ewwel darba quddiemha ghal nhar id-19 ta' Frar 2019.

Illi dakinhar tad-19 ta' Frar, 2019 dehret Dr. Elaine Mercieca Rizzo ghall-Avukat Generali u ddikjarat li din il-kawza kient giet dikajrata dezerta u ghalhekk illum hi res judicata. In vista' tal-verbali precedenti kif fuq esposti l-Qorti ordnat li jidher quddiemha l-ufficcjal prosekutur Malcolm Bondin. L-appellant deher assistit minn Dr David Gatt.

**Dr David Gatt** talab li jixhed f'din is-eduta tad-19 ta' Frar 2019 biex jispjega lil Qorti kif preseduta x'kien gara b'referenza ghal dawn il-proceduri. Stqarr li minkejja li din il-Qorti li fl-atti hemm miktub li l-kawza kient giet dikjarata dezerta nhar is-7 ta' Novembru, 2017 dan ma kienx minnu ghaliex kien ircieva email minghand ir-registratur tal-Qorti, Brian Avellino fejn gie mgharraf li stante li l-Imhallef kien qed jippresjedi fuq Guri l-kawza kienet ser tigi differita.

Huwa ghalhekk kien baghat email lir-registratur tal-Qorti Brian Avellino fl-istess jum tas-7 ta' Novembru 2017 fil-5.27p.m fejn staqsa lir-registratur ghal meta kienet giet differita l-kawza u s-sur Avvellino wiegbu b'email fejn gharfu li l-kawza kellha tinstema nhar it-13 ta' Marzu 2018 (vide dok DG) . Jinghad pero' minn din il-Qorti li l-email hija datata 5 ta' Dicembru, 2017 u ghalhekk kien ghadda ftit jiem mhux hazin minn meta tkellmu sa meta ircieva l-ordni in scriptum.

Mhux talli hekk izda stqarr li r-registratur kien sahansitra anke baghat email lill-ispettur sabiex jghidlu li l-appell ta' Jonathon Farrugia kien gie riappuntat ghat-13 ta' Marzu 2018 fuq ordni tal-Qorti. Dan gie wkoll mistoqsi sabeix jirritorna l-karti kollha li gew ghandu lil PS492 Melchior Micallef tal-Principal Citations Office (vide dok MB).

Mistoqsi nhar id-19 ta' Frar, 2019 jekk ipprezentax rikors ghar-riappuntament tal-kawza jghid li m'ghamlx u dan ghaliex fil-fehma tieghu l-kawza qatt ma giet ddikjarata dezerta izda kienet giet differita ghal-darb' ohra fuq ordni tal-Qorti u ghalhekk ma kienx hemm lok ghar-rikors guramentat ai termini tal-artikolu 422 tal-Kap 9. Qal li ma kellux ghalfejn jiddubita l-email li kien ircieva minghand ir-registatur tal-Qorti fejn gie mgharraf dakinhar stess li l-kawza tieghu kient giet differita.

L-**ispettur Malcolm Bondin** xehed dakinhar tad-19 ta' Frar 2019 u spjega illi huwa kien l-ufficcjal prosekutur ta' din il-kawza quddiem il-Qrati tal-Magsitrati u kien qed isegwiha quddiem l-Qorti tal-Appell. Mistoqsi x'ghamel bit-ticket of admission li kien inhareg fil-konfront tal-appellant jghid li wasal ghandu u fil-file tieghu kellu miktub li l-appellant ma kienx deher ghall-appell tieghu u kien ghalhekk li l-appell kien gie dikjarat desert.

Jghid li huwa pprova jikkomunika mieghu u sahansitra anke baghat pulizija id-dar tieghu ifittxu u spegalu dak li kien gara u ma garax. Dan qallu li suppost kelu jtila' l-Qorti pero' kien talab lill-avukat tieghu jitlob differiment ghaliex ma kien jiflah u qallu biex igib il-hwejjeg biex jiltaqghu biex jakkumpanjah il-habs. Dan qallu li kien ser ikellem lil avukat tieghu u dan qallu biex jghamel li irid basta pero' imur id-depot. Jghid li l-appellant kien ikkopera mieghu. Jghid li ghadda ftit tal-hin u ircieva komunikazzjoni minghand Brian Avvelllino d-deputat tal-Imhallef Mizzi u kien spjegalu dak li kien verament gara li suppost il-kawza kienet giet differita u li kienet ser issir darb'ohra. Qallu biex jibghatlu xi haga bil-miktub. Qallu li ma setghax jibghatlu xejn ghaliex kien barra pero' kien lest li jibghatlu email l-ghada filghodu. Fil-fatt jghid li kien ircieva email minghandu bid-data tad-differiment li jmiss. Huwa prezenta din l-email li giet mmarkata bhala dok MB u f'din l-email gie mgharraf li l-kawza giet differita ghat-13 ta' Marzu, 2018 u li kellu jirritorna lura l-karti li kellu lil PCO. Naturalment a bazi ta' din l-email mibghuta lilu mir-regisstratur tal-Qorti ma gabarx lill-appellant u ma kompliex isegwi it-ticket of admission.

Illi nhar il-21 ta' Frar 2019, xehed **Brian Avellino** u kkonferma li kien jokkupa l-kariga ta' deputat regitratur mal-Imhallef Antonio Mizzi sakemm irtira u ghalhekk ikkonferma li fis-7 ta' Novembru 2018 huwa kien id-deputat registratur tal-Qorti ta' l-Appelli Kriminali li dakinhar kienet preseduta mill-Imhallef Antonio Mizzi. Spjega li dakinhar tas-7 ta' Novembru, 2017 l-Imhallef Mizzi kien ser jippresjedi fuq Guri u ghalhekk il-kawzi gew differiti ghal jum iehor. Mistoqsi ghaliex fl-atti hemm miktub li l-kawza fil-konfront tal-appellant giet ddikajrata dezerta jghid li kien zball tieghu. Mistoqsi ghalfejn kien hareg it-ticket of admission jghid li ghamel hekk bi zball. Mistoqsi min tah l-ordni biex jiddiferixxi l-kawza jghid li l-Ordni giet mill-Qorti. Qal li hu cert minn dan

u anke kkonferma li kien baghat email lil Dr. David Gatt biex jikkonfermalu li l-kawza giet differita li gharaf fl-atti markata bhala dok DG in risposta ghat-talba li kien ircieva minghand Dr. Gatt stess dakinhar tas-seduta. Ikkonferma wkoll li kien baghat email lill-ispettur biex jgharrfu li l-kaz kien gie differit u mhux iddikjarat desert. Mistoqsi ghaliex ma harigx it-ticket of admission mill-atti jghid li kien zball tieghu.

Dr Angele Vella mill-ufficcju tal-Avuakt Generali xehdet u spejgat il-procedura li tintuza fil-Criminal Regitry tal-Avukat Generali. Spjegat li l-kawzi li kienu qed jinstemghu quddiem l-Imhallef Mizzi kellhom kopertura 'jacket' hadra. Hija wriet l-original ta' dan id-dokument lil Qorti u pprezentat kopja tghha fl-atti li giet mmarkata bhala dok AV. Fuq dan id-dokument hemm miktub bil-kitba taghha li l-kaz gie ddikajrat dezert fis-7 ta' Novembru, 2017 fejn hem l-ittri LED (primo apuntament) u xejn aktar. Ghaliha il-kaz kien spicca hemm. Fil-fatt tghid li l-verbal tal-Qorti jirrifletti dak li gara dakinhar fl-Awla.

Mistoqsija dwar iz-zewg verbali ta' wara u cioe' dak tat-13 ta' Marzu 2018 u tal-31 ta' Ottubru 2018 x'kellha xi tghid, twiegeb li ma kienet taf xejn dwarhom. Mistoqsija jekk kienitx prezenti ghas-seduta tal-31 ta' Ottubru, 2018 tghid li ma tiftakarx. Tghid li dawn l-verbali ma jaslux l-ufficcju tal-Avukat Generali. Mistosija jekk is-Sur Avellino kellimiex dwar il-kawza tghid li le. Spjega illi huwa stazzjonat l-ufficcju tal-PCO u jinsab addett mal-Qorti tal-Appelli Krminali jiehu hsieb jigbor il-kondotti u jara li l-appelli jimxu. Mistoqsi x'ghandu miktub fir-rigward tal-kawza odjerna jghid li fid-dokument tieghu li kopja tieghu gie esebit il-Qorti u markat bhala dok PS hemm imnizzel is-segwenti:-

13 ta' Marzu 2018 ma jidhirx li sar xi haga

27 ta' Gunju 2018 probabbli ma sar xejn

31 ta' Ottubru 2018 ma sar xejn

Il-Kaz imbagahd gie quddiem din il-Qorti u inzammu dawn iz-zewg seduti fid-19 ta' Frar 2019 u fil-21 ta' Frar 2019 meta instemghu diversi xhieda.

Qal li fil-file tieghu l-kaz kien gie iddikjarat dezert fis-7 ta' Novembru, 2017 pero' wara kien gie infurmat mir-registratur tal-Qorti li l-kaz kien gie differit ghat-13 ta' Marzu 2018, Mistoqsi jekk kienx hemm l-Avukat Generali meta gie mgharraf dan jghid li ma jidhirlux.

Ikkunsidrat,

Illi l-Avukat Generali qed jinsisti li l-kawza illum hija res judicata stante li kien gie ddikajrat dezert fis-7 ta' Novembru, 2017 u l-appellant qatt ma pprezenta rikors guramentat kif jirrikjedi l-artikolu 422 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta u ghalhekk peress li ghaddew l-erbat ijiem hemm imsemmija f'dan l-artikolu l-kawza tibqa' dezerta. Targumenta li r-registratur tal-Qorti mhux 'l fuq mill-ligi u ma jistax lanqas b'ordni tal-Qorti jinjora dak li teseigi l-ligi u ghalhekk stante li hemm verbal ta' dezerzjoni l-appellant kellu biss triq wahda biex isalva il-kawza u cioe' li jipprezenta rikors guramentat BISS.

Min naha tieghu l-avukat difensur tal-appellant jghid li l-kawza qatt ma giet ddikjarata dezerta fil-presenza tieghu izda dejjem giet differita u kien ghalhekk li bagaht l-email lid-deputat registratur tal-Qorti biex jaccerta ruhu li kien hemm differiment. Qal li mhux mistenni minnu li jmur jivverifika l-process biex jara jekk dak li qallu ir-registratur hux fedelment traskritt fl-atti. Ghalih il-kelma tar-registratur kienet il-kelma tal-Qorti u ghalhek ma hass li kellu jiddubitah. Dan molto piú meta kkonferma ma l-Ispettur li kien jaf li l-kaz kien gie differit ukoll u li ma kienx ser jesegwixxi l-ebda ticket of admission.

Ikkunsidrat,

Illi din il-Qorti thoss li qabel ma tidhol u tiddiskuti l-kaz in desami bil-fatti specie tieghu ghandha tghid kelmtejn fuq il-kwstjoni ta' dezerzjoni kif kontemplata fil-ligi u ghalhekk hwua ta' relevanza li ticcita dak li jiddisponi l-artikolu dwar id-dezerzjoni u cioe' l-Artikolu 422 [1] tal-Kodici Kriminali li jaqra hekk:

"[1] *Jekk, f'jum tas-smigh tal-appell, l-appellant ma jidhirx, l-appell tieghu jinghadd dezert u s-sentenza appellata tigi esegwita; imma fuq rikors tal-appellant, ipprezentat fi zmien erbat ijiem mill-gurnata fuq imsemmija, flimkien ma' dikjarazzjoni mahlufa mill-istess appellant quddiem irregistratur li, minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta tieghu, fir-rikors imsemmija espressament, hu ma setax jidher fil-gurnata fuq imsemmija, il-Qorti taghti gurnata ohra ghas-smigh talappell, u, f'dan il-kaz, jghoddu d-dispozizzjonijiet tassubartikoli [1] u [2] tal-ahhar artikolu qabel dan.*"

Jinghad minn din il-Qorti li ma hemmx dubju, li l-**Artikolu 422[1] tal-Kap.9** ghandu ghan legittimu – cioe` li ma jhallix sospizi u inezegwibbli sentenzi tal-Qorti tal-Magistrati [bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali] meta l-appellant jonqos milli jidher ghas-smigh tal-appell f'cirkostanzi meta huwa seta' hekk jidher – fi kliem iehor, huwa ma jkunx deher minhabba xi nuqqas attribwibbli lilu, u mhux "*minhabba mard jew ghal raguni ohra indipendenti mill-volonta tieghu*."

Anqas ma jista' jinghad li hemm xi sproporzjon bejn il-mezz adoperat – id-dikjarazzjoni ta' dezerzjoni u l-ezegwibbilita` immedjata tas-sentenza – u l-ghan li jrid jinthalaq, cioe` li s-sentenzi ma jibqghux sospizi fil-limbu, u dan aktar u aktar meta wiehed jikkonsidra li, f'kaz li jkun hemm raguni valida ghal wiehed ma jistax jidher [cioe` mard jew raguni ohra indipendenti mill-volonta` tieghu] huwa jista' jgib dan il-fatt a konjizzjoni tal-Qorti fi zmien erbat ijiem u jwettaq dak li jallega bil-gurament tieghu...[. **Patrick Mangion v. Avukat Generali**[1],

Jirrizulta ghalhekk li huwa l-obbligu tar-rikorrent li jsegwi l-proceduri kriminali, istitwiti minnu, quddiem l-Qorti tal-Appell Kriminali, u hu d-dritt tieghu u ghandu l-opportunita` kollha sabiex jgharraf minnufih lill-avukat tieghu bid-data tas-smigh tal-appell, ghandu wkoll l-opportunita` li meta l-appell tieghu jmur dezert f'dik id-data huwa jkellem lill-avukat tieghu sabiex jassistih legalment, u mhux jibqa' totalment indifferenti ghal dan kollu u ma ghamel xejn sakemm gie informat li ghandu jiskonta l-piena ta' prigunerija. Il-komportament tar-rikorrent, huwa wiehed fejn ghandu jkun konformi mal-obbligu tieghu "*to display special diligence in the defence of his interests*'[2]

Illi pero' f'dan il-kaz l-Qorti ma temminx biss li hija kwistjoni ta' dezerzjoni izda kwistjoni ta' nuqqas kbir tar-registratur tal-Qorti.

Jirrizulta mill-atti u appuntu mi-xhieda kemm ta' Dr. David Gatt, ta' l-Ispettur Malcolm Bondin kif ukoll mix-xhieda ta' l-isstess Registratur tal-Qorti li l-Qorti kient tat-ordni li l-kawza ma kellhiex tkun dezerta izda kellha tigi differita. Dan hu konfermat anke bil-miktub permezz ta' email li intbaghatet mir-Registratur tal-Qorti lill-avukat difensur tal-appellant dak inhar stess tal-primo appuntamento. Jinghad li anke l-ispettur prosekutur ikkonferma dan il-fatt hu stess pesonalment mar-registratur tal-Qorti u kkonferma li verament il-kawza ma kienitx giet dikjarata dezerta kif inghata l-impressjoni qabel ghaliex kien anke sahansitra gie mitlub minnu biex ma jesegiwix it-ticket of admission. F'dan kollu ma jidholx li l-appellant kellu xi htija u jidher li hu estraneju ghal dak li gara.

Huwa minnu dak li sollevat l-Avuakt Generali li l-unika manjera kif kawza li tkun dezerta tigi riappuntata hija li tigi adoperata s-sitwazzjoni kif fuq spjegata fl-artikolu 422(1) tal-Kap 9 pero' f'dan il-kaz il-Qorti a sua sponte tat diferiment u gharfet lill-partijiet bih. Jirrizulta li anke l-pulizija li hu stazjoant il-PCO li isegwi l-appelli, kien gie notifikat b'dan id-differiment.

[1] Deciz fis-27 ta' Jannar 2006 mill-Qorti Kostituzzjonali
[2] Anthony Bezzina vs Avukat Generali deciz fis-31 ta' Jannar 2014 mill-Qorti Kostituzzjonali

Illi huwa veru li l-ligi ma tipprovdix ghac-cirkostanza bhal din u cioe' li kawza li marret dezerta tigi riappuntata minghajr rikors u ghalhekk l-Avukat Generali insista li in effetti l-kawza ghandha tibqa' hekk dikajrata in omagg mal-principju li 'error iudex error mundi'

Il-Qorti taghmel refernza ghal kwistjoni simili u cioe' fejn kien hemm zball tar-regitratur tal-Qorti meta il-ligi procedruali kienet wahda di stricto iuris fir-rigward termini u cioe' kontemplata fis-subartikolu (1) tal-artikolu 414 tal-Kodici Kriminali li jipprovdi testwalment hekk:

*"Meta l-kawza titmexxa mill-Pulizija, il-qorti li taghti s-sentenza ghandha, fuq talba bil-miktub, maghmula lilha mill-Pulizija … mhux aktar tard minn erbat ijiem tax-xoghol mill-ghoti tas-sentenza, tibghat lill-Avukat Generali, bil-mezz tar-registratur, fi zmien tlitt ijiem tax-xoghol minn dak in-nhar tat-talba, kopja tas-sentenza flimkien ma' l-atti tal-kawza u max-xiehda, jekk din tkun tnizzlet bil-miktub"*

Dan il-punt fejn ir-registratur jiehu zball gie trattat fil-kaz fl-ismijiet **Il-Pulizija vs Joseph Deguara**[3], is-sentenza kient appellata nghatat fil-21 ta' Novembru 2003 u n-nota tal-Kummissarju tal-Pulizija fejn gharraf li kien bi hsiebu jappella minn dik is-sentenza giet ipprezentata fl-24 ta' Novembru 2003. Ir-rikors ta' appell gie pprezentat fis-26 ta' Jannar 2004, u f'dan ir-rikors l-Avukat Generali ddikjara - u dan mhuwiex kontestat - li kien ircieva l-atti tal-kawza fil-21 ta' Jannar 2004. Dan ifisser li l-atti waslu ghand l-Avukat Generali xahrejn wara li kienet inghatat is-sentenza.

Dik il-Qorti kkonkluiet hekk:-

*"Filwaqt li din il-Qorti tqis tali dewmien bhala deplorevoli u tittama li nuqqas simili ma jirrepetix ruhu, l-appellat xorta m'ghandux ragun fl-eccezzjoni minnu sollevata. Difatti din il-kwistjoni diga` giet sollevata u deciza minn din il-Qorti diversament presjeduta diversi drabi. L-ewwel darba li jidher li giet investigata din il-kwistjoni kien fil-kawza fl-ismijiet* ***Il-Pulizija vs Charles sive Carmelo Spiteri***[4]*. Fuq l-iskorta ta' dik is-sentenza,* din il-Qorti tara li ma hemm ebda *nullita` f'dan il-kaz. F'dik is-sentenza gie ritenut li, purche` li l-Pulizija jipprezentaw in-nota fiz-zmien moghti lilhom u purche` li l-Avukat Generali jipprezenta r-rikors fi zmien tmint ijiem utili (tnax-il jum utili fil-kaz ta' appelli minn Ghawdex) minn dak inhar li hu jircievi l-atti, l****-istess Avukat Generali m'ghandux jigi penalizzat minhabba li r-***

[3] Deciza fit-20 ta' april 2004 mil-Qorti tal appelli kriinali
[4] Deciza mill- Qorti tal appelli kriinali fl-14 ta' Marzu 1983

***Registratur, li ma huwiex parti fil-kawza, ma jkunx osserva t-termini imposti fuqu bil-ligi.*[5] **Enfasi ta' din il-Qorti .**

Issa fil-kaz in desamina jirrizulta li ir-registratur tal-Qorti ha diversi zbalji fosthom li ddikajra li l-kawza kienet dezerta u ma irrangax il-verbal tant li jirrizulta li l-kawza mhux vera kienet giet dikarjata dezerta u li ma hassarx it-ticket of admission mahrug minnu minkejja li l-kawza kient ghada ghaddejja pero' ma tkunx gustizzja jekk minhabba zball jew nuqqas tar-registratur il ma hux parti fil-kawza ghax ma osservax il-procedura imposta fuqu bil-ligi li jigi penalizat l-appellant bir-risultat li jispicca jghamel tmintax-il xahar habs minghajr ma l-appell tieghu lanqas biss gie trattat. Dan zgur ma hux l-intenzjoni tal-legislatur li taghmel ingustizzja ma persuna li tinsab akkuzata quddiem il-Qorti tal-Appelli Kriminali.

Ghalhekk din il-Qorti qeda tordna lir registratur tal-Qorti sabiex jghamel il-korrezzjoni kif mehtiega fuq il-verbal taghha tas 7 ta' Novembru, 2017 fis-sens li l-kawza giet diffeita ghat-13 ta' Marzu 2018 u ihassar il-kliem li l-kawza giet dikajrata dezerta. In oltre tordna ukoll li jigi sfilzat it-ticket of admission mahrug fil-konfront tal-appellant nhar il-7 jew 21 (ghax lanqas id-data ma kiteb tajjeb) ta' Novembru 2017 (fol. 89) mill-atti.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur

[5] Ara wkoll fl-istess sens: App. Krim. **Il-Pulizija vs Robert Pace**, 15 ta' Dicembru 1999; App. Krim. **Il-Pulizija vs Mario Camilleri**, 27 ta' Ottubru 2000; App. Krim. **Il-Pulizija vs Natasha Mohnani**, 6 ta' Gunju 2002.